

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE NRU 171/2019
tal-14 ta' Ġunju 2019
li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2163]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 196/2018 tal-21 ta' Settembru 2018 (*) ħassret bi żball it-test tal-adattament (j) fil-punt 66wn tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħtieġ li dan it-tħassir jidħol fis-seħħi biss mit-2 ta' Jannar 2020. It-test tal-adattament għandu għalhekk jerġa' jiddaħħal u sussegwentement jitħassar b'effett mit-2 ta' Jannar 2020.
- (3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt 66wn (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011) tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test li ġej jiddaħħal fl-adattament (j):
 "Fl-Artikolu 21, l-ewwel sentenza, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'Kummissjoni' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA'."
2. It-test tal-adattament (j) għandu jitħassar b'effett mit-2 ta' Jannar 2020.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi fil-15 ta' Ġunju 2019, dment li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2019.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
 Il-President
 Claude MAERTEN*

(*) ĠUL 75, 4.3.2021, p. 33.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.